# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 482/2015/VG**

**Michael ATTARD f'ismhu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Michael Attard Imports Limited (C-34433))**

**vs**

**Dr. Josette Sultana [ID. No. 510271M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimata thallashom is-somma ta' elfejn hames mija erbgha u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€2,534.31c] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Michael Attard [ID779959M] f'ismhu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Michael Attard Imports Limited [C34433] qed jitlob illi Dr. Josette Sultana tigi kkundannata thallas is-somma ta' €2534.31 (elfejn hames mija u erba u tletin Ewro u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti prezz ta' hsarat

ikkagunati fil-vettura tal-marka Peugeot 308 bin-numru ta' registrazzjoni BCD515 fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Marzu 2015 fi Triq il-Marsa, Marsa bejn il-vettura imsemmija bin-numru BCD515, proprjeta tar-rikorrenti u misjuqa mill-intimata, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBT807, misjuqa minn Kurt Grixti, u ghal liema incident Dr. Josette Sultana kienet unikament responsabbli minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Qed jigu hawn annessi kopja tal-istima tal-hsarat ikkagunati fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BCD515 (dok. MA2) u kif ukoll kopja tat-Traffic Accident Report relattiv ghall-incident imsemmi li sehh fis-6 ta' Marzu 2015 fi Triq il-Marsa, Marsa (dok. MA3)".

**Ra r-risposta tal-intimata minnha pprezentata fit-30 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi l-atturi jew xi hadd minnhom ta lil konvenuta courtesy car minhabba li l-istess atturi ordnaw parts hziena ghat-tiswija tal-vettura taghha.

Illi ma hemm ebda ftehim formali bejn il-partijiet.

Illi l-atturi fl-ebda hin ma avzaw lil konvenuta x'tip ta' polza kienet assigurata l-vettura qabel ma rritornat il-vettura u l-intendiment bejn il-partijiet kien li kienet fully insured.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istima pprezentata hija esagerata u ma tirriflettix l-hsara li grat lil vettura u l-ispejjes relatati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi”.

Ra l-verbal tal-11 ta’ Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-intimata thallashom s-somma ta’ €2534.31c rapprezentanti prezz ta’ hsarat ikkagunati fil-vettura tal-marka Peugeot 308 bin-numru ta’ registrazzjoni BCD515 proprjeta taghhom fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta’ Marzu 2015 fi Triq il-Marsa, Marsa bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-intimata, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBT807, misjuqa minn Kurt Grixti. Skont ir-rikorrenti, ghal dan l-incident kienet tahti biss l-intimata. L-intimata da parti taghha laqghet ghat-talbiet tar-rikorrenti billi qalet li r-rikorrenti, jew min minnhom kienu tawha *courtesy car* minhabba li huma kienu ordnaw *parts* hziena ghat-tiswija tal-vettura taghha u li kienet ghandhom. Qalet li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim formali u li fl-ebda hin ma kienu avzawha x’tip ta’ polza ta’ l-assikurazzjoni kellha l-vettura qabel ma hija rritornatilhom il-vettura. Ziedet tghid li l-intendiment bejn il-partijiet kien li l-vettura kienet *fully insured*. Qalet ukoll li l-istima pprezentata hija esagerata u ma tirriflettix l-hsara li grat lil vettura u l-ispejjes relatati.

Ikkunsidra;

2. **Xehed Adrian Scicluna Calleja**, *general manager* mas-socjeta rikorrenti li qal li huwa kwalifikat bhala *surveyor* u dan wara kors li kien ghamel madwar 15-il sena ilu u ghandu certifikat minghand Thatchem. Qal li s-*surveyors* ta' Malta kollha huma *Tatchem approved*. B'referenza ghad-dok. MA2 (fol. 8) tal-process, huwa qal li dan id-dokument gie mhejji mis-socjeta rikorrenti u li "*wrejnihom lil approved repairer taghna u ghamilna din il-lista mnizzla hawnhekk bl-ispejjez li kien hemm*" (fol. 12). Zied jghid li l-intimata kienet qeghda issuq vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni BCD-515, proprjeta tas-socjeta rikorrenti, meta kienet involuta f'incident. Huwa esebixxa sensiela ta' ritratti tal-vettura in kwistjoni li kienu juru l-hsarat li garbet. Zied ighid li biex jaccertaw ruhhom li ma kienx hemm iktar hsarat fuq il-parti ta' gewwa tal-vettura huma haduha ghand l-*approved repairer* taghhom u zarmawha. Qal li qabel ma zarmaw din il-vettura, huma setghu jikkonstataw li kien hemm "*hsara fil-bumper ta' quddiem u cioe li kien maqsum left hand side front wheel u left hand side head lights ... imbaghad kien hemm il-bumper li kien maqsum*" (fol. 13). Huwa qal li kien hemm hjiel li kien hemm il-hsarat gewwa peress li l-*bumper* kien imcaqlaq. Meta giet zarmata l-vettura in kwistjoni setaw jikkonstataw "*dak li jidher mir-ritratti fejn fost affarijiet ohra kien hemm il-bumper absorber, ir-reinforcements u affarijiet ohra li kienu jinsabu gol-bumper u li nkissru*" (fol. 13). Il-hsarat riskontrati gew imnizzla fid-dokument MA2 a fol. 8 tal-process. Zied li s-socjeta rikorrenti kienet inkarigat *surveyor* indipendenti li ghamel is-*survey report* tieghu u li kopja tieghu tinsab esebita bhala dok. ASC21 (fol. 16). Skont dan ir-rapport, il-hsarat huma fl-ammont ta' €2,108.53c (fol. 16) filwaqt li fid-dokument MA2 (fol. 8) l-ammont huwa ta' €2,534.31c. Id-differenza hija ta' €425.78c li hija l-VAT.

   Ghar-rigward tal-vettura misjuqa mill-intimata, huwa qal li huwa kien ilu juza din il-vettura minn meta kienet gdida u li huwa qatt ma kien involut f'xi incident biha.

   B'referenza ghal dak li qalet l-intimata fir-risposta taghha, ix-xhud qal li fil-bidu tas-sena elfejn u hmistax hija kienet involuta f'incident bil-vettura

taghha u kienu ordnawla l-*airbags* ghaliha. Qal li dawn l-*airbags* kienu gew ordnati fil-25 ta' Frar, 2015 u fis-6 ta' Marzu 2015 kienu fil-pussess tas-socjeta rikorrenti. Sadanitant, sabiex ma jhallux lill-intimata bla vettura huwa offrewlha *courtesy car*. Qal li huwa ma kienx kellem lill-intimata direttament dwar dan il-fatt izda r-rikorrenti Michael Attard kien qallu sabiex jaghtiha *courtesy car*. Zied ighid li kien Austin Schembri, s-*shipping manager* tas-socjeta rikorrenti li kien kellem lill-intimata direttament. Fil-fatt, kompla jghid ix-xhud, dak-in-nhar ta' l-incident, l-intimata kienet ikkomunikat ma dan Austin Schembri u mhux mieghu. Qal li l-intimata baqghet tuza din il-vettura sakemm waslu l-*airbags* minn barra u kien biss meta gabitha li huma setaw jikkonstataw il-hsarat li kienet garbet il-vettura.

In kontro-ezami huwa kkonferma li huwa u l-intimata kienu tkellmu f'okkazzjoni wahda ghal xi ftit minuti. Ikkonferma ukoll li "*f'dik l-okkazzjoni kont ghidt jiena u l-intimata li konna qbilna li jigi surveyor u li skont ir-rapport ta' dan is-surveyor nitkellmu*" (fol. 14). Qal li ghandu ideja vaga li kien hemm xi kwistjoni li l-intimata ma kienitx taf li l-vettura ma kienitx koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni *fully comprehensive*. Huwa qabel ma dak suggerit li l-*airbags* li kienu gew originarjament ordnati ma kienux tajba ghal vettura ta' l-intimata u b'hekk l-ordni taghhom kellha terga ssir mil-gdid. Qabel ukoll mal-fatt li l-vettura misjuqa mill-intimata u li kienet involuta fl-incident kienet wahda *second hand* izda qal ukoll li din kienet tinstaq minnu biss.

3. **Xehed Austin Schembri** *shipping manager* mas-socjeta rikorrenti ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin (27) sena. Qal li lill-intimata jafha personalment u li jaf li hija riedet *part* ghall-vettura taghha li sfortunatament is-socjeta rikorrenti kienet ordnat hazin. Qal li peress li din il-*part* kienet giet ordnata hazinha minghandhom, huwa kien kellem lir-rikorrenti Michael Attard sabiex l-intimata tinghata *courtesy car* sakemm din tasal hawn Malta. Dwar il-kwistjoni tal-*courtesy car* qal li huwa zgur li ma kienx offrielha din it-tip ta' vettura u ghalhekk il-probabilita kienet li l-intimata kienet staqsietu ghaliha. Qal ukoll li "*jiena u l-intimata qatt ma tkellimna dwar x'tip ta'*

*kopertura t'assikurazzjoni kellha l-courtesy car taghna*" (fol. 26) u ghalhekk meta gie mistoqsi jekk huwa setax qalilha li l-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza tat-tip *fully comprehensive* huwa qal "*zgur li le, ma jistax ikun*" (fol. 26). Qal li dak-in-nhar ta' l-incident, l-intimata kienet cemplitlu izda peress li huwa kien bil-*leave* kien talabha sabiex tmur tkellem lil tax-xoghol tieghu bl-akkadut. Dan peress li kienet talbitu xi informazzjoni dwar ma min kienet assikurata l-vettura. Sussegwentement, huwa ghadda l-kont tat-tiswijiet lill-intimata u talabha thallsu. Qal li l-intimata irrifjutat li thallas dan il-kont l-ghaliex stenniet li l-*courtesy car* tkun koperta *fully comprehensive*. In kontro-ezami huwa qal li l-unika darba li kienet kelmitu l-intimata dwar l-assikurazzjoni kienet meta sehh l-incident. Fuq suggeriment ta' l-intimata, ix-xhud qal li "*naqbel ma' dak li qieghed jigi ssuggerit lili minnek li ahna qatt ma tkellimna fuq insurance u kienet biss meta inti ghidtli li l-vettura kienet assigurata third party fire and theft li tkellimna fuq insurance l-bqija ma niftakarx*" (fol. 27).

4. **Joseph Muscat**, *motor vehicle surveyor*, ghal dawn l-ahhar sittax (16)-il sena kkonferma d-dokument esebit a fol. 16 tal-process (dok. ASC21). Qal li s-*survey* in kwistjoni jirraprezenta l-labour, l-ispray u l-parts. Zied ighid li l-hsara li ra fuq il-vettura msemmija fir-rapport ghalih kienu recenti. Muri d-dokumenti mmarkati bhala AS1 sa AS20, ix-xhud qal li dawk ir-ritratti hadhom huwa u juru l-hsarat li garbet il-vettura in kwistjoni. In kontro-ezami qal li meta huwa ezamina l-vettura fis-16 ta' April, 2015 din ma kienitx zarmata fil-presenza tieghu.

5. **Xehed Paul Ciappara**, direttur tas-socjeta Eurostar Automotive. Huwa qal li xoghol is-socjeta tieghu hija li ssewwi l-vetturi. Qal li fis-sena 2015 kien ghamel xi xoghol fuq il-vettura Peugeot bil-pjanca ta' registrazzjoni BCD-515. Huwa kkonferma li l-vettura li huwa kien ghamel xogholijiet fuqha hija l-istess vettura li hemm murija fid-dokumenti mmarkati bhala dok. AS1 sa dok. AS20. Din il-vettura giet zarmata mill-haddiema tieghu. Skont ix-xhud, ir-raguni l-ghala din il-vettura kienet giet zarmata qabel ma kien mar is-*surveyor* kienet l-ghaliex f'kazijiet fejn "*id-daqqa tkun wahda estensiva*

*ahna nzarmawha sabiex inkunu nistghu naraw jekk hemmx hsarat fejn ma jkunx jista jidher minn barra*" (fol. 33A). Mistoqsi jekk id-daqqiet fuq il-vettura kienux recenti jew le, huwa wiegeb li fil-fehma tieghu, d-daqqiet kienu recenti. Qal li qieghed jghid hekk l-ghaliex "*li kieku kien ghad hemm xi daqqiet li kienu antiki specjalment fil-bumper reinforcement il-bumper ma kienx ikun jista jehel b'hekk zgur li ma kienx hemm il-hsara f'dik il-parti*" (fol. 33A). Qal li s-*survey* tal-vettura in kwistjoni sar fil-presenza tieghu jew ta' l-addetti tieghu. Qal li huwa kien hareg stima tal-hsarat li kienu jidhru fuq barra izda imbaghad il-vettura giet zarmata ghax kien sejjer jaraha s-*surveyor*.

6. **L-intimata l-Avukat Dr. Josette Sultana** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Hija qalet li l-vettura taghha li ssuq normalment kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt li din kienet qeghda tinstaq mis-sieheb taghha. Ghalhekk, hija hadet hsieb li din il-vettura taghha tissewwa. Hekk gara u kien ghad fadal biss il-kwistjoni ta' l-*airbags*, liema *airbags* gew ordnati minghand is-socjeta rikorrenti peress li l-vettura ta' l-intimata kienet tal-marka Peugeot. Kien gie miftiehem ukoll li kien ahjar li kieku x-xoghol fuq l-*airbags* kien isir fil-*workshop* tas-socjeta rikorrenti u dan peress li l-*airbags* riedu jitwahhlu bis-sistema komputerizzata. L-intimata kompliet tghid li hija hadet il-vettura darbtejn. L-ewwel darba ma kienu ghamlulha xejn din il-vettura u dan peress li l-addetti tas-socjeta rikorrenti kellhom x'jaghmlu filwaqt li fit-tieni darba, kien beda jsir ix-xoghol fuqha. F'din it-tieni okkazzjoni, kienu cemplulha mill-*workshop* u infurmawha li kienu gabu l-*airbags* il-hziena u ghalhekk ma setawx iwahhluhom fuq il-vettura. Hija talbithom sabiex jergghu jarmawlha l-vettura halli sakemm jigu l-*airbags* minn barra hija tkun tista tuzaha izda l-addetti tas-socjeta rikorrenti kienu qalulha li dan kien jirrikjedi hafna hin u li ma kienx ikun *worth it*. Wara xi jiem, kien cemplilha Austin Schembri mis-socjeta rikorrenti u qalilha li kienu ser jaghtuha karozza sabiex tkun tista tuzaha sakemm jigu l-*airbags* taghha. L-intimata u dan Austin Schembri ftehmu sabiex huwa jghaddi ghaliha fejn Kastilja u minn hemm marru s-*showroom* tal-Peugeot. Qalet li malli waslu fejn is-*showroom* hija staqsietu jekk kienx hemm xi

haga li rid jghidilha ghar-rigward ta' kif tinstaq din il-vettura u huwa qalilha le. Staqsietu ukoll ghar-rigward ta' l-assikurazzjoni tal-vettura u qalet li "*Austin qalli car u tond 'serrah mohhok m'ghandekx ghaliex tinkwieta*" (fol. 38). L-intimata qalet ukoll li hija ma ffirmat xejn u telqet l'hemm. Qalet ukoll li lanqas biss ivverifikaw jekk il-vettura kienx fiha xi daqqiet.

Dak-in-nhar li sehh l-incident, l-intimata qalet li kienet qeghda issuq wara persuna bil-*learner plates* sejra fid-direzzjoni tal-Marsa. Qalet li kien hemm hafna traffiku u li bejnha u bejn il-persuna li kien qieghed isuq il-vettura bil-*learner plates* ma kienx hemm distanza u ghalhekk ma kienetx qeghda issuq b' velocita. Din il-persuna f'daqqa u l-hin waqfet il-vettura taghha f'salt u hi baqghet diehla fih. L-impatt bejn il-vetturi, kompliet tghid l-intimata kien wiehed zghir proprju l-ghaliex ma kienx hemm velocita minhabba t-traffiku u anke peress li ma kienx hemm distanza bejn il-vettura taghha u dik misjuqa mill-*learner*. Hekk kif hareg l-*instructor* mill-vettura huwa qalilha sabiex jimlew il-formola tal-*bumper to bumper* u meta hija marret tfittex ghaliha fuq quddiem tal-vettura, hija ma sabet xejn kif lanqas ma sabet xi haga ghar-rigward ta' l-assikurazzjoni. Cemplet lil Austin Schembri mis-socjeta rikorrenti, li kien ukoll habib ta' l-intimata, sabiex tinfurmah bl-akkadut izda dan qalilha li ma kienx xoghol u li kien ahjar li ccempel is-*showroom* sabiex jaghtuha d-dettalji necessarji. Hekk ghamlet u tawha d-dettalji relattivi ghar-rigward ta' l-assikurazzjoni. Il-vettura li kienet qeghda tinstaq mill-intimata kienet assikurata ma' Assikura, kumpanija ohra proprjeta tar-rikorrenti, u meta l-intimata kelmet lir-rapprezentant taghha dan qatt ma qalilha li l-vettura kienet assikurata *third party*. Kull ma staqsietu kien ghar-rigward ta' kemm kien l-*excess*. Qalet li tant ma kellha xejn din il-vettura wara dan l-incident li hija kompliet issuq din il-vettura ghal madwar gimgha sakemm kienu gew installati l-*airbags* fuq il-vettura taghha mis-socjeta rikorrenti.

Hekk kif appena rritornat lura l-vettura mislufa lilha mis-socjeta rikorrenti, l-intimata iltaqghet ma Adrian Caruana Scicluna li infurmaha li dik kienet assikurata *third party* u li kellha l-hsara. L-intimata marret tivverifika mar-

rapprezentant ta' l-Assikura u dan qalilha li din kienet assikurata *third party*. Hija staqsietu x'kienet ir-raguni li ma qalilhiex li din il-vettura kienet assikurata *third party* biss u li kien semmielha li kien hemm hlas ta' €50 bhala *excess* izda baqghet bla twegiba.

Hija kienet ftehmet ukoll ma Adrian Caruana Scicluna li jsir rapport ta' *surveyor* u wara jitkellmu u dan peress li hija kienet taf li ma tantx kien hemm hsara l-ghaliex l-impatt kien wiehed zghir. Xi jiem wara hija kienet irceviet fattura minghand il-*Eurostar* u hija cemplet lil Austin Schembri. Hija qaltlu li kienet ftehmet ma Caruana Scicluna sabiex jistennew ir-rapport tas-*surveyor* izda dan Austin Schembri kien qalilha li dak kien l-istess. Qalet li rapport minghand is-*surveyor* qatt ma rceviet u li wara li kien ghadda hafna zmien kienu qabdu *surveyor* u sab il-karozza zarmata. Dan is-surveyor indika dan fir-rapport tieghu u anke xehed hekk quddiem it-Tribunal. Ziedet tghid li wara li kienet irceviet il-fattura jew stima minghand il-Eurostar, hija kienet marret ghan it-tellar taghha u dan qalilha li dik kienet "*gholja hafna kemm parts kif wkoll labour u l-ahjar nkellem surveyor*" (fol. 40). Qalet li anke Austin Schembri kien qalilha li l-istima kienet wahda gholja u qalilha sabiex hija tmur ghand tal-Eurostar sabiex jaghtiha "*discount ghaliex kellu hafna minn fejn jaghti discount*" (fol. 40). Stqarret li hija kienet kelmet lil ta' l-assikurazzjoni taghha u dawn qalulha li la ma kienx hemm ftehim bejnha u bejn ir-rikorrenti hija ma kellhiex tbaghti l-ispejjez galadarba l-vettura moghtija lilha minnhom kienet *courtesy car* u kienu huma li kellhom l-obbligu li jassikuraw il-vettura taht polza ta' *courtesy car*.

L-intimata ghalqet l-affidavit taghha billi qalet li hadd ma kien qalilha li din kienet inxurjata *third party* u peress li s-socjeta rikorrenti toffri servizzi ta' assikurazzjoni hija ma kellhiex ghalfejn tiddubita li din il-vettura ma kienitx assikurata *fully comprehensive* u li f'kull kaz hija kienet tistenna li meta kienet cemplet lir-rapprezentant ta' l-Assikura dan kien jghidilha dak il-hin stess li l-vettura kienet assikurata *third party* u mhux qaghdu jistennew sakemm hija rritornat lura l-vettura ghandhom. Sahqet li hija hassitha ingannata aktar u aktar meta hi qatt ma rat il-polza ta' l-assikurazzjoni ta' din il-vettura.

7. Xehed bil-procedura ta' l-affidavit **Natalino Agius**, *senior automotive assessor*, u qal li huwa ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar 23 sena. Huwa kwalifikat minn Thatcham Auto Repair u Research Centre, gewwa

Reading fir-Renju Unit. Qal li fis-6 ta' Marzu 2015 l-intimata kellha incident awtomobilistiku u li hija kienet kelmitu f'April, 2015. Qal li l-intimata kienet kelmitu l-ghaliex hija rat li l-istima li kienu tawha r-rikorrenti kienet wahda esagerata. Zied ighid li minn verifiki li huwa ghamel, irrizultalu li din il-vettura diga kienet giet ezaminata mill-kollega tieghu Joseph Muscat. Dan ta' l-ahhar kien qallu li meta mar huwa biex jispezzjona l-vettura in kwistjoni din diga kienet zarmata u kien ghalhekk li nizzel notament f'dan ir-rigward fir-rapport tieghu. Sahaq li "*n-norma fix-xoghol taghna hija li qabel issir l-ispezzjoni tal-hsarat ma jsirx xoghol u niehdu r-ritratti tal-vettura bid-daqqa fl-istat qabel ma tizzarma u wara niehdu r-ritratti tal-vettura u tal-parts. Jekk ikun hemm bzonn il-vettura jzarmawlha xi partijiet quddiemna*" (fol. 45). Huwa qal li minn Marzu meta sehh l-incident sakemm Joseph Muscat ghamel is-*survey* f'April kien ghadda wisq zmien. Qal ukoll, wara li ezamina r-ritratti esebiti li ma huwiex normali li jkun hemm dik il-hsara kollha meta jkun hemm incident semplici ta' *bumper to bumper*. Huwa qal li kien ghamel xi verifiki fuq il-vettura l-ohra involuta fl-incident li ggib il-pjanca ta' registrazzjoni CBT807 u kkonstata li din kellha hsarat minimi. Qal li l-vettura li dahlet fiha l-intimata kienet ta' *instructor* u wiehed allura jistenna li fuq dawn il-vetturi jkun hemm xi grif u daqqiet minhabba n-natura li ghalihom jintuzaw karozzi bhal dawk. Qal li l-*bumper* ta' l-imsemmija vettura ma kienx imkisser izda kien sar xoghol recentement fuqu li b'kollox gie ghal madwar €340 eskluz il-VAT. Ghar-rigward tal-*courtesy car* huwa qal li meta persuna tinghata din it-tip ta' vettura, jew inkellha karozza tal-kiri, sakemm isiru t-tiswijiet fuq il-vettura l-ohra, "*il-kumpanija tal-karrozzi tal-kiri dejjem tispjega il-kundizzjonijiet tal-polza u kemm hemm excess f'kull kategorija ta' hsara li jista jkun hemm jew li jista jkollha l-vettura*" (fol. 45). Zied jghid li kemm ilu hu f'dan il-mistjier, vetturi ta' dan it-tip ikunu assikurati *fully comprehensive* u mhux normali li jkunu *third party cover* biss.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-intimata kienet inghatat vettura mir-rikorrenti ghal uzu taghha sakemm jingiebu xi parts ghal vettura taghha. Din il-vettura kienet inghatat lilha peress li r-rikorrenti kienu hadu zball meta ordnaw il-parts ghall-vettura ta' l-intimata bil-konsegwenza li meta dawn waslu Malta, dawn ma kienux tajbin ghaliha.

9. Lanqas ma jirrizulta li huwa kkontestat li fis-6 ta’ Marzu 2015 fi Triq il-Marsa, Marsa sehh incident bil-vettura li kienet qeghda tinstaq mill-intimata u li kienet inghatat lilha mir-rikorrenti kif fuq inghad.

10. L-intimata fir-risposta taghha tghid li r-rikorrenti, meta hija kienet inghatat il-vettura minnhom qatt ma infurmawha x’tip ta’ polza ta’ l-assikurazzjoni kellha l-vettura qabel ma hija rritornatilhom il-vettura. Ziedet tghid li l-intendiment bejn il-partijiet kien li l-vettura kienet *fully insured*. Dwar dan il-punt, it-Tribunal jirrileva li l-intimata qatt ma staqsiet x’tip ta’ kopertura kellha din il-vettura u ghamlet hekk biss wara li kien sehh l-incident awtomobilistiku. Hija l-fehma tat-Tribunal li kien jispetta lilha li tistaqsi x’tip ta’ kopertura kellha din il-vettura u jekk hija ma kienitx taqbel maghha allura kien imissha gibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal dan il-fatt. Min dan kollu pero ma jirrizulta xejn. Ghalhekk din l-eccezzjoni taghha sejra tigi michuda.

11. Kwistjoni ohra li tqanqlet kienet dwar il-fatt li l-istima pprezentata mir-rikorrenti hija esagerata u ma tirriflettix l-hsara li grat lil vettura u l-ispejjes relatati. Ir-rikorrenti da parti taghhom esebew *survey report* maghmul min Joseph Muscat nhar il-25 ta’ April, 2015 (fol. 16). Dan Muscat kien mar jispezzjona l-vettura fis-16 ta’ April, 2015. L-istess rikorrenti esebew ukoll stima maghmula mill-addetti tar-rikorrenti li tindika li sabiex tissewwa l-hsara kienet tehtieg is-somma ta’ €2,534.31c (fol. 8). Id-differenza bejn dawn iz-zewg stimi hija li filwaqt li fl-ahhar imsemmija stima hemm inkluz il-VAT, fl-ewwel wahda ma hijiex inkluza. Ir-rikorrenti tellaw jixhed lil Paul Ciappara, direttur tas-socjeta Eurostar Automotive u li qal li fis-sena 2015 is-socjeta minnu rapprezentata kienet ghamlet xi xogholijiet fuq il-vettura Peugeot bil-pjanca ta’ registrazzjoni BCD-515. Qal li din il-vettura giet zarmata mill-haddiema tieghu qabel ma kien mar is-*surveyor* Joseph Muscat u dan peress li f’kazijiet fejn “*id-daqqa tkun wahda estensiva ahna nzarmawha sabiex inkunu nistghu naraw jekk hemmx hsarat fejn ma jkunx jista jidher minn barra*” (fol. 33A). Mistoqsi jekk id-daqqiet fuq il-vettura

kienux recenti jew le, huwa wiegeb li fil-fehma tieghu, d-daqqiet kienu recenti. Qal li qieghed jghid hekk l-ghaliex "*li kieku kien ghad hemm xi daqqiet li kienu antiki specjalment fil-bumper reinforcement il-bumper ma kienx ikun jista jehel b'hekk zgur li ma kienx hemm il-hsara f'dik il-parti*" (fol. 33A). Issa dwar dan il-punt, l-intimata stqarret, u dan mhux kontradett, li meta Austin Schembri kien mar ghaliha b'din il-vettura u imbaghad ghaddielha meta waslu fejn is-*showroom* tar-rikorrenti, la hi u lanqas Schmebri ma kienu ivverifikaw jekk din il-vettura kienx fiha xi daqqiet. Ghal darb' ohra t-Tribunal jirrileva li kien l-obbligu tal-intimata li hija tivverifika li din il-vettura ma kienx fiha daqqiet u li kollox kien jidher sew. L-intimata naqset milli taghmel dan. L-intimata da parti taghha resqet lil Natalino Agius, *senior automotive assessor*, li qal li hija kienet kelmitu f'April, 2015 u dan peress li hija kienet rat li l-istima li kienu tawha r-rikorrenti kienet wahda esagerata. Dan ix-xhud qal li minn verifiki li huwa ghamel irrizultalu li din il-vettura diga kienet giet ezaminata mill-kollega tieghu Joseph Muscat u li dan ta' l-ahhar kien qallu li meta mar huwa biex jispezzjona l-vettura in kwistjoni din diga kienet zarmata u kien ghalhekk li nizzel notament f'dan ir-rigward fir-rapport tieghu. Ix-xhud sahaq li "*n-norma fix-xoghol taghna hija li qabel issir l-ispezzjoni tal-hsarat ma jsirx xoghol u niehdu r-ritratti tal-vettura bid-daqqa fl-istat qabel ma tizzarma u wara niehdu r-ritratti tal-vettura u tal-parts. Jekk ikun hemm bzonn il-vettura jzarmawlha xi partijiet quddiemna*" (fol. 45). Kompla jghid li minn meta sehh l-incident f'Marzu, 2015 sakemm Muscat mar biex jaqra l-hsara fuq il-vettura f'April, 2015 kien ghadda wisq zmien.

12. Dan Natalino Agius ezamina ukoll ir-ritratti li gew esebiti mir-rikorrenti ghar-rigward tal-hsara li kellha din il-vettura u qal li ma huwiex normali li jkun hemm dik il-hsara kollha meta jkun hemm incident semplici ta' *bumper to bumper*. Huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni peress li huwa kien ivverifika xi hsarat kellha l-vettura l-ohra involuta u kkonstata li din kellha hsarat minimi. Qal li l-*bumper* tal-vettura l-ohra ma kienx imkisser izda kien sar xoghol recentement fuqu li b'kollox gie ghal madwar €340 eskluz il-VAT.

13. L-intimata qalet li l-hsara li kellha l-vettura misjuqa minnha kienet wahda minima l-ghaliex hija baqghet isuq din il-vettura ghal madwar gimgha wara li kien sehh l-incident u imbaghad irrittornata lura lir-rikorrenti meta dawn kienu lestew il-vettura taghha.

14. It-Tribunal ezamina l-atti u minkejja li hemm ix-xhieda ta' Natalino Agius li qal li huwa kien ivverifika xi hsarat kellha l-vettura l-ohra, liema hsarat kienu minimi, huwa xorta wahda ma qalx jekk il-hsarat li kellha l-vettura misjuqa mill-intimata kienux kompatibbli ma dik il-habta jew inkellha jekk setatx grat iktar hsara fuqha meta hija baqghet tuzaha ghal gimgha shiha wara li kien sehh l-incident. L-intimata messha irritornat lura l-vettura ghand ir-rikorrenti immedjatament wara li kien sehh l-akkadut sabiex b'hekk il-hsara tkun setat tigi iddentifikata mal-ewwel u mhux baqghet tuzaha ghal gimgha shiha ohra. F'dik il-gimgha setaw graw hafna affarijiet u t-Tribunal ma huwiex sodisfatt bil-livell ta' provi mresqa mill-intimata ghal dan il-perjodu. Lanqas ma gie kontradett minn ebda xhud, inkluz Natalino Agius, dak li qal Paul Ciappara, meta huwa, wara li gie mistoqsi jekk id-daqqiet fuq il-vettura kienux recenti jew le, wiegeb u qal li fil-fehma tieghu, d-daqqiet kienu recenti. Kif diga rajna, Ciappara wasal ghal din il-konkluzzjoni peress "*li kieku kien ghad hemm xi daqqiet li kienu antiki specjalment fil-bumper reinforcement il-bumper ma kienx ikun jista jehel b'hekk zgur li ma kienx hemm il-hsara f'dik il-parti*" (fol. 33A). Issa kif qalet l-intimata, hija ma qaditx iddur il-vettura ma Austin Schembri sabiex tara jekk kienx jidher kollox sew min barra u allura, a bazi tal-bilanc ta' probabbilitajiet, dawn il-hsarat li kellha l-vettura fuq il-parti ta' quddiem li jigu wara l-bumper graw meta hija baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura l-ohra. Rilevanti huwa ukoll il-fatt li filwaqt li l-hsarat tal-vettura l-ohra kienu fuq wara, l-hsarat li garbet il-vettura misjuqa mill-intimata kienu fuq il-parti ta' quddiem. Illi ghalhekk, kollox ma kollox, it-Tribunal huwa sodisfatt li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom.

15. Ghar-rigward tal-*quantum*, it-Tribunal jirrileva li l-intimata baqghet ma resqitx provi li l-ammonti indikati fiz-zewg surveys imressqa mir-rikorrenti ma kienux jirriflettu l-valur tas-suq tal-parts li kellhom jitbiddlu. Huwa minnu li l-vettura tar-rikorrenti u li kienet qeghda tinstaq mill-intimata hija tat-tip Peugeot u li r-rikorrenti huma l-agenti tal-Peugeot hawn Malta u allura forsi l-parts li huma jgibu sabiex jbieghu lill-klijenti jkun fihom xi element ta' profitt u kif rajna din il-vettura tinstaq mill-addetti tar-rikorrenti u allura jista jkun li dan l-element ta' profitt kien mankanti f'dan il-kaz, pero l-intimat baqghet ma resqet l-ebda prova f'dan ir-rigward u t-Tribunal ma jistax joqghod jispekula izda jrid joqghod fuq il-provi li jitressqu quddiemu. Ghalhekk l-ammont ghar-rigward il-parts kif indikati fiz-zewg survey reports maghmula huwa dovut mill-intimata, kif huwa dovut il-hlas ghax-xoghol (*labour)* li sar fuq l-imsemmija vettura. Li ma huwiex dovut, fil-fehma tat-Tribunal huwa l-element ta' VAT u dan peress li r-rikorrenti huma intitolati jirkuprawh bhala spejjez u ghalhekk dan l-element, ammontanti ghall-ammont ta' €425.78c[1] sejjer jitnaqqas.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimata, qieghed jilqa limitatament it-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn mija u tmien euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€2,108.53c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**

---

[1] Skont dan ir-rapport maghmul minn Joseph Muscat a fol. 16 (dok. JAC21), il-hsarat kienu fl-ammont ta' €2,108.53c filwaqt li fid-dokument MA2 (fol. 8) l-ammont huwa ta' €2,534.31c. Id-differenza hija ta' €425.78c li hija l-VAT.